

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010

Baġit ta' emenda Nru 3/2010: Taqsima III – Il-Kummissjoni - MAB (Miżuri ta' Akkumpanjament fil-qasam tal-Banana)

P7_TA(2010)0371

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 3/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni (13472/2010 – C7-0263/2010 – 2010/2048(BUD))

(2012/C 70 E/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 310 u 314 tiegħu u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea tal-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a,
- wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, adottat b'mod definitiv fis-17 ta' Diċembru 2009⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 3/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-8 ta' April 2010 (COM(2010)0149),
- wara li kkunsidra l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Instrument tal-Flessibilità, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-8 ta' April 2010 (COM (2010)0150),
- wara li kkunsidra l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-17 ta' Marzu 2010 (COM(2010)0102),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendantorju Nru 3/2010, stabbilit mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2010 (13472/2010 – C7-0263/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 75b tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0281/2010),

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽³⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010

- A. billi l-Kummissjoni qed tiproponi li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽¹⁾) biex jiġi permess il-finanzjament tal-Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana (BAM) għas-snin 2010 sal-2013, b'baġit ġenerali ta' EUR 190 miljun, b'potenzjal ta' EUR 10 miljuni supplimentari, jekk il-marġni jkunu jippermattu,
- B. billi l-bilanċ annwali propost ta' għajjnuna finanzjarja għall-BAM jipprevedi ammont ta' EUR 75 miljun fl-2010,
- Ċ. billi l-marġni disponibbli taħt l-intestatura 4 huwa biss ta' EUR 875 530, minħabba l-bżonn ta' finanzjament massimu, fl-2010, tal-prioritajiet tal-UE b'rabta mar-rwol tagħha bħala protagonista dinjija,
- D. billi l-parti l-kbira ta' din l-ghajjnuna finanzjarja fl-2010 hija dovuta għall-użu mill-ġdid fi ħdan l-intestatura 4 tal-baġit (EUR 55.8 miljuni minn EUR 75 miljun),
- E. billi l-użu mill-ġdid li qed jiġi propost jaffettwa strumenti u azzjonijiet li l-UE u b'mod partikolari l-Parlament Ewropew iddefinixxu bħala ta' interess kbir,
- F. billi l-bżonn ta' għajjnuna finanzjarja għall-BAM ma kienx previst meta ġie adottat il-Qafas Finanzjarju Multiannwali attwali,
- G. billi l-proċeduri baġitarji tal-passat wrew il-pressjoni estrema li għaddiet minnha din l-intestatura,
- H. billi l-ghajjnuna finanzjarja tal-UE tal-pajjiżi li jipprovd u l-banana tal-AKP, li ġew affettwati mil-liberalizzazzjoni tal-Aktar Nazzjon Iffavorit fil-qafas tad-WTO, m'għandhiex tiġi ddubitata u m'għandux ikun dewmien fl-isforz baġitarju,
- I. billi, sustanzjalment, il-Parlament huwa lest li, permezz tal-proċedura ta' konċiljazzjoni, jinnegozja mal-fergħa l-oħra tal-awtorità baġitarja,
- J. billi l-marġni li fadal ta' EUR 875 530 EUR jista' jintuża għall-iffinanzjar tal-BAM,
1. Jieħu nota tal-Abbozz ta' baġit emendantorju Nru 3/2010 u tal-Pożizzjoni tal-Kunsill;
 2. Ifakk il-pożizzjoni prinċipali tiegħu li l-prioritajiet il-ġoddha għandhom jiġu ffinanzjati minn fondi ġodda;
 3. Iqis li l-finanzjament tal-BAM jissodisa l-kundizzjonijiet previsti fil-punt 27 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-użu tal-Instrument ta' Flessibilità;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta ġdida għall-mobilizzazzjoni tal-Instrument ta' Flessibilità għall-bqja tal-EUR 74 124 470;
 5. Iddeċieda li jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 3/2010 kif jidher hawn taħt;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-emendi, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(¹) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

Emenda 1

TAQSIMA: III Il-Kummissjoni

	Bağıt 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

07 02 04 Azzjoni preparatorja - Monitoraġġ ambjentali għall-Baċir tal-Baħar l-Iswed

	Baġit 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

19 06 08 Reazzjoni ta' emerġenza għall-kriżi ekonomika u finanzjarja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

	Baġit 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

19 09 01 Kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika Latina li qed jiżviluppaw

19 10 01 01 Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Ażja

	Baġit 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

21 02 01 Sigurtà alimentari

	Baġit 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

21 05 01 01 Saħħa

	Bağıt 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

21.05.01.06 Azjoni preparatoria - Trasferimento ta' teknoloġija relatata mal-farmaċewtika favur pajjiżi li qed jiżviluppaw

	Bağıt 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti gódda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

21.06.03 Ghainuna għall-aġġustament għall-pajjiżi tal-protokoll dwar iz-zokkor

I-Erhgħha 20 ta' Ottubru 2010

	Baġit 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

21 07 04 Ftehimiet dwar il-Prodotti

Appropjazzjo-nijiet	4 600 000	4 600 000	2 800 000	4 600 000	2 800 000	4 600 000	1 800 000	1 800 000	4 600 000	4 600 000
Riżervi										

	Baġit 2010		Kummissjoni ABE 3/2010		Pożizzjoni tal-Kunsill		Emenda PE		Ammonti ġodda	
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet

21 02 03 Faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw

Appropjazzjo-nijiet	162 700 000	342 700 000	145 300 000	342 700 000	145 300 000	342 700 000	17 400 000	0	162 700 000	342 700 000
Riżervi										

NOMENKLATURA:

Ma nbiddlitx

RIMARKI:

Ma nbiddlux

ĠUSTIFIKAZZJONI:

Ara r-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill.